MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 465/2000/1

**South Projects Limited**

**vs**

**Pasquale Giordimaina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi permezz ta' skrittura datata 24 ta' Gunju 1998 il-konvenut obbliga ruhu li jaghmel xoghol ta' appalt ghad-ditta attrici; kopja tal-iskrittura hi hawn annessa u immarkata bhala Dok A, Dok A1 hi l-istess skrittura dattilografata;

Illi l-iskrittura giet iffimata minn Paul Marmara u Ray Vassallo ghall-atturi u mill-konvenut pero' ma gietx iffirmata minn Carmelo Giordmaina u fil-fatt fid-data tal-kuntratt ma kien hemm registrata ebda ditta en nom collectiv jew mod iehor fl-isem ta' C&B Giordmaina;

Illi ghalhekk l-istess konvenut li ffirma l-iskrittura huwa personalment responsabbli li jwettaq l-obbligi kollha assunti minnu fl-ismemmija skrittura u fil-fatt hu kien personalment beda x-xoghol fuq is-sit in kwistjoni.

Illi l-konvenut kellu jlesti dan ix-xoghol sal-1 ta' Gunju 1999 u fin-nuqqas li jaghmel dan, il-konvenut, skond l-iskrittura jkun obbligat ihallas lid-ditta attrici penali ta' LM500.00 ghal kull gimgha li jibdew jghaddu mill-1 ta' Gunju 1999 sakemm ix-xoghol jitlesta; liema penali sal-lum 13 ta' Marzu 2000 tammonta ghal ghoxrin elf u hames mitt lira maltin (Lm20500);

Illi fil-fatt sal-lum ix-xoghol miftiehem ghadu ma sarx;

Illi gia d-ditta attrici kienet imhassba bil-progress fjakk li kien qed jaghmel il-konvenut fix-xoghol u fl-1 ta' Ottubru 1998 kienet bghatet ittra (Dok B) li ghaliha l-konvenut kien wiegeb b'ittra ohra datata 13 ta' Otturu 1998 (Dok C) li permess taghha hu assikura lill-atturi li kien ser ilahhaq jaghmel ix-xoghol li kien obbligat jaghmel;

Illi minkejja t-twissija tal-atturi, l-konvenut baqa' inadempjenti u dan minkejja li gie interpellat b'ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju (Dok D);

Illi skond l-istess skrittura, stante n-nuqqas tal-konvenut, huma awotrizzati jwaqqfu lill-konvenut mix-xoghol u jqabbdu kuntratturi ohra b'dan li l-konvenut ikun obbligat ihallas l-eccess bejn il-prezz kif miftiehem mal-konvenut u l-prezz tax-xoghol kif miftiehem mal-kuntrattur gdid;

Illi fil-fatt il-konvenut waqaf ghal kollox mix-xoghol u dan minn zmien ilu; u peress li l-atturi qabbdu lil UniBuild Co. Ltd. biex skond kuntratt dol F ikompli jesegwixxi l-istess xoghol li kien ser jigi esegwit mill-konvenut.

Illi x-xoghol kif mitiehem issa mal-kuntratturi godda (skond Dok F u l-iskeda ta' xogholijiet Dok F1) ser jiswa ammont sostanzjali aktar minn dak li kien miftiehem mal-konvenut skond l-iskrittura dok A u skond skeda annessa mal-itess skrittura li issa qed tigi annessa bhala dokument Dok E;

Illi b'hekk skond l-iskrittura Dok A, il-konvenut hu obbligat ihallas lid-ditta attrici, oltre il-penali kif miftehma, l-eccess bejn il-prezz kif miftiehem mal-konvenut u l-prezz tax-xoghol kif miftiehem mal-kuntrattur gdid;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li l-obbligi ta' bini tax-xerreja naxxenti mill-iskrittura datata 24 ta' Gunju 1998 annessa bhala Dok A jinkombu personalment fuq il-konvenut; li jigi ddikjarat li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi tieghu skond l-iskrittura datata 24 ta' Gunju 1998 meta naqas li jlesti x-xoghol li obbliga ruhu li jaghmel sal 1 ta' Gunju 1999; u b'hekk li jigi ddikjarat li saru operativi l-artikoli tal-imsemmija skrittura; li tigi likwidata il-penali skond l-istess skrittura u dan bil-LM500 fil-gimgha mill-1 ta' Gunju 1999 (data meta l-konvenut kellu jlesti x-xoghol) sad-data tas-sentenza definitiva jew data li fiha ikun tlesta x-xoghol miftiehem, liema wahda tigi l-ewwel – u dan b'riserva ghall penali li kun ghadha dovuta mid-data tas-sentenza definittiva sal jum li fih attwalment jitlesta x-xoghol; li tigi likwidata occorrendo permezz ta' perit nominandi l-eccess bejn il-

prezz tax-xogholijiet kif miftiehem mal-konvenut u l-pezz tax-xoghol kif miftiehem mal-kuntrattur il-gdid; li jigi ordnat lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici dak l-ammont rapprezentanti l-eccess bejn il-prezz kif miftiehem mal-konvenut u l-prezz tax-xoghol kif miftiehem mal-kuntrattur gdid u dan ai termini tal-iskrittura datata 24 ta' Gunju 1998 (dok A) kif likwidat fir-raba talba, flimkien ma' dik is-somma kif likwidata minn dina l-Qorti a bazi tat-tielet talba u raprezentanti penali skond l-istess skrittura u dan bil hames mitt lira Maltin (LM500) fil gimgha mill-1 ta' Gunju 1999 (data meta l-konvenut kellu jlesti x-xoghol) sad-data tas-sentenza definitiva – u dan b'riserva ghall penali li tkun ghadha dovuta mid-data tas-sentenza definittiva sal jum li fih attwalemnt jitlesta ix-xoghol;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju 1999 u tal-ittri bonarji tal-1 ta' Ottubru 1998 u 6 ta' Settembru 1999 u bl-interessi.

Il-konvenut gie ukoll ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Pasquale Giordimaina fejn gie eccepit:-

Illi c-citazzjoni huwa null u bla effett stante illi l-konvenut Pasquale Giordimaina kellu jigi cettat mhux fil-kapacita tieghu personali, izda u a nom u in rappresentanza ta' ditta bit-trade name ta' C & B Giordimaina.

Illi bla pregudizzju tas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura ta' l-24 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett stante illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bil-qerq kif se jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi bla pregudizzju tas-suespost il-klawsola fejn qieghed jimponi penali ta' LM500 fil-gimgha huwa null u bla effett ghaliex fil-ligi u gurisprudenza taghna penali jew danni ghandhom ikunu reali biss;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici kellha l-obbligu legali li timminimizza d-danni u b'hekk hija responsabbli li kontribwiet lejn id-danni allegati mis-socjeta attrici;

Illi l-iskrittura ta' l-24 ta' Gunju 1998 ma setax jigi ezegwit minhabba l-impossibbilita' stante li ma inghatax kreditu mill-banek biex iwettaq dan l-appalt.

Illi l-iskrittura ta' l-24 ta' Gunju 1998 m'huwiex skrittura ta' appalt, izda peress li kien hemm kundizzjonijiet li kellu jithallas parti bil-proprjeta efettivament l-esonent kien shab (partner) mas-socjeta attrici u ghaldaqstant id-danni allegat mis-socjeta attrici huma wkoll danni ta' l-esponent.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici.

Semghat ix-xhieda msejjha mill-konvenut.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota responsive tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsisdrat:-

**Fatti**

Jirriżulta, skond l-iskrittura tal-24 ta' Ġunju 1998, li d-ditta C&B Giordimaina obligat ruhha versu s-socjeta' attrici li tlesti xogħol ta' bini u kostruzzjoni sal-1 ta' Ġunju 1999. Fin-nuqqas l-istess kontratturi obbligaw ruhhom li jhallsu lis-soċjetà attriċi penali ta' Lm500 kull ġimgħa li ovvjament jibdew jigu kalkolati mill-imsemmija data tal-1 ta' Ġunju 1999 sakemm ix-xogħol jitlesta.

Jirrizulta li s-soċjetà attriċi baghtet ittra ufficjali (fol.14) lill-konvenut stante li kienet rat li kien hemm il-possibilita' li x-xoghol in kwestjoni ma kienx ser jitlesta fil-hin. Il-konvenut irrisponda (fol.15) u assikurat lis-socjeta' attrici li x-xoghol kien ser jitlesta kif miftiehem. Gara pero' l-kuntratrju u x-xoghol baqa ma tlestiex, u kwindi s-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali (fol.16).

Is-soċjetà attriċi iddikjarat li stante li x-xoghol baqa ma tlestix fil-ħin kif stipulat fl-imsemmi ftehim, kellu jigi ngaġġat kuntrattur iehor cioe' s-socjeta' UniBuild Co Ltd sabiex ix-xogħol jitkompla u jitlesta. Is-soċjetà attriċi tkompli tallega li minhabba f'hekk kellha tħallas lill-ahhar imsemmi kuntrattur ħafna iktar minn dak li kien gie miftiehem għall-istess xogħol mad-ditta C&B Giordimainia (Dok XZ1) u għalhekk, is-soċjetà attriċi tippretendi li l-konvenut għandu jħallas din id-differenza fil-prezz. Da parti tieghu l-konvenut fl-affidavit tieghu (fol.65) jghid li x-xogħol kellu jieqaf minħabba xi problemi tal-appoġġ li kien hemm ma' terzi. Jgħid ukoll illli s-soċjetà attriċi ma kienetx qiegħda tħallas u meta ħallset, ħallset biss nofs l-ammont li kien gie miftiehem. Il-konvenut isostni ukoll li is-soċjetà attriċi kellha tħallas lill-ħaddiema taghha, pero' naqset li taghmel hekk u b'hekk il-konvenut isostni lima kellu haddiema biex jahdem stante li l-ħaddiema tal-konvenut ma tħallsux kollha u kwindi bdew

jitilqu lill-konvenut. Ghandu jigi rilevat lid an kollu ma giex ippruvat sufficjement ippruvat mill-konvenut.

Is-soċjetà attriċi qed titlob il-penali, gia indikata, in vista tal-fatt li tippretendi li x-xoghol fdat lill-konvenut ma tlestix puntwalment skond kif stipulat fl-iskrittura ta' bejn il-partijiet. Dwar din it-talba l-konvenut jeccepixxi li huwa qatt ma qabel mal-klawsola tal-penali. Jirriżulta ukoll illi meta ġiet iffirmata l-imsemmija skrittura ma kienet teżisti ebda soċjetà bl-isem C&B Giordimaina.

Is-socjeta attrici ssostni li peress li l-konvenut iffirma wahdu l-imsemmija skrittura hu sar personalment u uniku responsabbli sabiex iwettaq dak li gie miftiehem u in partikolari sabiex ilesti x-xoghol miftiehem u dana entro z-zmien stipulate u dan in vista tal-fatt li s-socjeta' C&B Giordimaina ma teżistix. Dwar dan il-konvenut jghid, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li l-intenzjoni kienet li l-iskrittura in kwestjoni tiġi iffirmata kemm minnu kif ukoll minn huh Carmelo Giordimaina. Effettivament huwa stqarr li ma kienx jaf bid-differenza bejn partnership, trade name u obbligazzjoni personali.

**Konsiderazzjonijiet ta' natura legali**

Issa ser tigi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fejn gie eccepit illi ic-citazzjoni hi nulla u bla effett stante illi l-konvenut Pasquale Giordimaina kellu jigi ċitat mhux fil-kapacita' tieghu personali, izda għan-nom u in rappresentanza ta' ditta bl-isem C&B Giordimaina.

Li jirrizulta f'dan ir-rigward hu li l-iskrittura li permezz taghha sar il-ftehim in kwestjoni (fol.16) tidher li giet iffirmata mis-socjeta' attrici South Projects Limited u minn entita' bl-isem C&B Giordimaina. Kif gia rilevat l-imsemmija entita' ma tezistix bhala socjeta' kummercjali taht ebda forma. Jirrizulta li kien il-konvenut wahdu li ffirma l-ftehim ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija entita'. Jista jkun li l-intenzjoni kienet li jiffirma hadd iehor pero' hu zgur li dan ma sehhx. Ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha ragun fis-sottomissjonijiet taghha dwar dan il-punt u kwindi l-konvenut ghandu jitqies li huwa personalment obbliga ruhhu versu s-socjeta'attrici permezz tal-imsemmija skrittura.

Kif gia rilevat il-konvenut gie interpellat f'ismu personali mis-socjeta' attrici sabiex ilesti ix-xogħol fil-hin. Il-konvenut wieġeb l-imsemmija ittra u dan ghamlu fil-kapaċita tiegħu personali.Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-konvenut ma jistax issa jippretendi li huwa gie mharrek hazin ghaliex kellu jiġi mħarrek għan-nom u in rappreżentanza ta' kumpanija li fil-fatt, u kif jaf ben tajjeb huwa stess, ma teżistix. Kwindi m'għandux raġun il-konvenut f'dak li jgħid fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu illi peress illi huwa ma kienx jaf bl-importanza illi s-soċjeta tkun irreġistrata mal-awtoritajiet kompetenti, allura issa huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur.

Il-konvenut iffirma l-ftehim taħt l-isem u għan-nom tal-kumpanija C&B Giordimaina. Kif intqal, din ma hijiex soċjetà reġistrata, u l-konvenut kien jaf dwar dan, ta x'jifhem lin-nutar li rrediga l-iskrittura li huwa kien qiegħed jirrappreżenta s-soċjetà C&B Giordimainia. Kwindi l-konvenut għandu jinżamm personalment responsabli fir-rigward ta' terzi għall-atti magħmula minnu taħt dak l-isem illi ma jeżistix. Ċertament illi dik l-iskrittura hija valida u ghalhekk hu assurd li l-konvenut ma jkunx jista jinzamm personalment responsabbli skond dik l-iskrittura. Għal dawn ir-raġunijiet, għandha tiġi miċħuda l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni.

Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenut jeċepixxi illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura tal-24 ta' Gunju 1998 hija nulla u bla effett stante illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bil-qerq.

Fix-xhieda tieghu Nutar Pierre Cassar (fol.43) jghid *"Il-penalty clause nikkonferma li kien Paul Marmara li insista li tidhol. Jista' jkun li l-konvenut oggezzjona ghall-ewwel ghal din il-klawsola, pero' sussegwentement, peress li anke iffirma din l-iskrittura, jidher li huwa accetta ukoll din il-klawsola. Li tani pero' Pasquale Giordamiana kien li huwa kien jaf xi tfisser din il-penalty clause, tani wkoll li huwa kien konfidenti, u kien jaf bil-lant tax-xoghol, cioe' kif imur ix-xoghol, u nghid ukoll illi huwa finalment iffirma l-iskrittura. Fl-ebda hin ma tani l-impressjoni Pasquale Giordamaina, illi huwa kien qed jifhem illi din il-klawsola ma kinitx parti mill-iskrittura.*

*Nghid ukoll illi kieku kien hekk jiena ma kontx nghaddi biex nitlob lill-partijiet biex jiffirmaw l-iskrittura."*

Kwindi mhux minnu, u lanqas ma hu verosimili, dak li qed isostni l-konvenut cioe' li ma kienx hemm qbil li kellu jkun hemm penali inkluz fl-iskrittura. Inoltre ma jirriżulta ebda qerq li jista jinghad li vvizzja l-kunsens tal-konvenut, u kwindi anke din l-eċċezzjoni timmerita li tiġi miċħuda.

Fit-tielet lok il-konvenut jeccepixxi li l-klawsola tal-penali hija nulla għaliex il-penali għandhom ikun reali biss. Dwar di is-sottomissjoni tista issir referenza għas-sentenza fll-kawża - Citazzjoni Numru 795/2007, fl-ismijiet Edward Carbone et vs Virtu' Holdings Limited - fejn ġie ritenut li:-

*"Il-klawsola penali hija ghamla ta` danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jehles mill-obbligu li jipprova li garrab hsara, ghaliex jistrieh biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-hin dak li mal-parti l-ohra jkun intrabat li jaghmel. (ara: Torrente - Manuale di Diritto Privato – pagna 300 para 490-1 u Art. 1120 tal-Kap 16).*

L-imsemmija skrittura tinkorpora klawsola penali minħabba dewmien. Fir-rigward ta' klawsola penali bhal din gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Caruana et vs Camenzuli et" tas-16 ta` Ottubru 1998 li *"l-effetti taghha jibdew isehhu minn dakinhar li tghaddi d-data miftehma ghat-twettieq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dakinhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali taghmel biss parti minnu."*

Il-klawsola rigwardanti l-penali qablu maghha l-partijiet liberament u volontarjament. Din il-klawsola hi intisa sabiex is-socjeta' attrici tassikura l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta mill-konvenut u jidher, minn kliemu stess, li kien ghall-istess raguni li l-konvenut accetta l-klawsola in kwestjoni. Ghalhekk il-penali li giet

kontrattata tirrapprezenta, in effett, kumpens pre-likwidat ghad-danni propju minhabba in-non ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta mill-konvenut. Una volta li l-konvenut obbliga ruħu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti, u una volta li hemm in-non eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni in kwestjoni konsegwentement il-konvenut hu obbligat li jhallas il-penali miftiehma.

A basi tal-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta` ligi fir-relazzjonijiet bejn l-istess partijiet (*pacta sunt servanda*) (vide Artikolu 992(1) tal-Kap.16), il-Qorti m'ghandhiex u ma tistax tindahal fil ftehim li jipprovdi ghall-penali kif miftiehem bejn il-partijiet. Ghalhekk anke ghal dawn ir-raġunijiet, it-tielet eċċezzjoni ukoll jisthoqqilha li tiġi miċħuda.

Ir-raba eċċezzjoni tal-konvenut li s-soċjeta attriċi ikkontribwiet lejn id-danni allegati minnha. In effett din il-pretensjoni tal-konvenut ma tirriżultax. Ma jirriżultax illi s-soċjetà attriċi bħala l-allegata danneġġjata, f'din il-kawża, ikkontribwit ghall-fatti kif jirrizultaw li graw. Kwindi ma tistax tigi akkollata xi responsabilita' għal xi danni jew xi parti minnhom lis-socjeta' attrici. Ir-raba eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda.

Inoltre fil-hames lok il-konvenut jeċepixxi li l-iskrittura tal-24 ta' Gunju 1998 cioe' l-ftehim tas-sub-appalt bejn il-partijiet ma setgħetx tiġi minnu ezegwita minhabba "impossibbilita'" stante li ma inghatax kreditu mill-banek biex ikun jista iwettaq u jiffinalizza l-appalt in kwestjoni fiz-zmien stipulat. Il-finanzjament ma kienx kondizzjoni fl-iskrittura. Inoltre l-ittra mibgħuta b'risposta mill-konvenut lis-soċjetà attriċi attrici (fol.15), l-istess konvenut assikura lis-soċjetà attriċi illi x-xogħol kien ser isir u ma semma ebda finanzjament bhala raġuni għaliex ix-xogħol ma kienx ser jitwettaq kif miftiehem. Għalhekk il-ħames eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda.

In konkluzjoni s-sottomissjonijiet kollha sollevati mill-konvenut jisthoqqilhom li jigu rigettati. Konsegwentement anke in vista tal-fatt fid-dawl ta' dak kollu li ntqal dwar l-ewwel eċċezzjoni, għandha tiġi akkolta l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi, u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat li l-obbligi naxxenti mill-iskrittura datata 24 ta' Ġunju 1998 jinkombu personalment fuq il-konvenut.

Fir-rigward tat-tieni talba Perit prodott mis-socjeta' attrici kkonferma (fol.39) li l-konvenut ma lestiex ix-xogħol kollu u lesta biss l-ewwel livell ta' garraxxijiet u parti biss mit-tieni livell ta' garaxxijiet. Inoltre, fil-kontro eżami tieghu l-konvenut (fol.88) jghid *"nikkonferma illi jiena x-xogħol in kwistjoni ma laħħaqtux fiż-żmien li kelli nispiccah. Nikkonferma ukoll illi x-xogħol jiena ma spiċċajtux u dana minħabba l-fatt illi l-ħlasijiet li kellhom isiru minn naħa tas-soċjetà attriċi ma sarux."* Fl-iskrittura in kwestjoni ffirmata mill-partijiet fejn ftehmu illi kellhom jinbnew *basement garages* u *first floor* u *second floor maisonettes*. Kwindi nonostante l-imsemmi ftehim, ix-xogħol ma sarx u għalhekk għandha ukoll tiġi akkolta t-tieni talba stante illi jirriżulta ippruvat illi l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi tiegħu skond l-iskrittura in kwestjoni. Konswegwentament ghndha tigi akkolta t-tieni parti tat-tieni talba u ghandu jigi dikjarat li l-artikoli rilevanti tal-iskrittura saru operativi.

Ix-xogħol kellu jitlesta sal-1 ta' Ġunju 1999. Dan ma tlestix fil-hin u ghalhekk is-soċjetà attriċi kellha tingaġġa kuntrattur iehor biex jiffinalizza dak kollu li kellu jsir mill-konvenut. Il-kuntrattur il-gdid beda x-xogħol fl-1 ta' Novembru 1999 (skond ftehim immarkat dok F, speċifikament l-ewwel paragrafu a fol 20) u sussegwentament ix-xoghol tlesta. Ghalhekk il-konvenut ghandu ihallas penali ta' Lm500 fil-ġimgħa għal 22 ġimgħa, cioe' n-numru ta' ġimgħat bejn l-1 ta' Ġunju 1999, li huwa l-jum meta kellu l-konvenut ilesti ix-xogħol, sal-1 ta' Novembru 1999. cioe d-data li fiha l-kuntrattur il-gdid beda l-istess xoghol. Dawn jammontaw b'kollox għal Lm11000 ekwivalenti llum ghal euro €25630. Kwindi it-tielet talba għandha tintlaqa, u l-penali kif gia rilevat għandha tigi kalkoklata mill-1 ta' Gunju 1999 (data meta l-konvenut kellu jlesti x-xoghol) sad-data ta' meta ġie ingaġġat it-tieni kuntrattur.

Inoltre ma hemmx danni ohra li li ghandhom jigu likwidatui u li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas. Dan ir-ragjonament hu applikabbli fir-rigward tar-raba talba tas-socjeta' attrici. Skond l-iskrittura, is-soċjetà attriċi għandha dritt titlob l-eċċess bejn il-prezz tax-xogħolijiet kif miftiehm mal-konvenut u l-prezz tax-xogħol imħallas lill-kuntrattur il-ġdid. Pero' s-soċjetà attriċi, f'dan ir-rigward, ma ghamlet ebda prova li ghamlet hlasijiet lill-kuntrattur il-gdid. Is-soċjetà attriċi ipproduċiet il-kuntratt ta' appalt mal-kuntrattur il-ġdid (fol.20) kif ukoll il-"quotation" relattiva (fol.21). Dawn pero' zgur ma jistghux jitqiesu li huma prova ta' hlasijiet lill-kuntrattur il-gdid. Inoltre direttur tas-socjeta' li ssubentrat bhala kuntrattur, ikkonferma (fol.46) li huma ghadhom ma tħallasx mis-soċjetà attriċi tax-xogħolijiet kollha li saru mill-kuntrattur il-gdid. Kwindi la darba jista jinghad li ma jirriżultax ippruvat ħlas mis-soċjetà attriċi

lill-kuntrattur il-ġdid, ir-raba talba għandha tiġi miċħuda. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-soċjetà attriċi, din tgħid illi konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenut, hija esperjenzat bidla fis-sistema ta' tassazzjoni minn CET għal VAT u b'riżultat kellhom iħallsu somma li giet specifikata bhala taxxa addizzjonali u dan jirriżulta minn Prospett XZ2 (fol.57). Ghalhekk lanqas hawn ma ġiex ippruvat ebda ħlas li sar, Kwindi ma jista qatt jigi ordnat li jiġi rifuż xi ammont fil-forma ta' taxxa zejda mhallsa mis-socjeta' attrici.

Kwindi ser jigi ordnat lill-konvenut iħallas lis-socjeta' attrici s-somma ta euro hamsa u ghoxrin elf u sitt mija u tletin (€25630) rapprezentanti penali skond l-istess skrittura u cioe' l-ekwivalenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fil gimgha mill-1 ta' Gunju 1999 sad-data ta' meta inghata x-xoghol saiex jigi esegwit mill-kuntrattur il-gdid.

Ghandha tigi michuda r-raba talba in kwantu tali talba hi ghall-eccess bejn il-prezz kif miftiehem mal-konvenut u l-prezz tax-xogħol kif miftiehem mal-kuntrattur il-ġdid.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-obbligi assunti fl-iskrittura datata 24 ta' Gunju 1998 (Dok.A) jinkombu personalment fuq il-konvenut u tiddikjara li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi tieghu skond l-istess skrittura u dan meta naqas li jlesti x-xoghol fil-hin miftiehem u ghalhekk saru operativi l-artikoli rilevanti tal-iskrittura, Tillikwida l-penali fit-termini tal-istess skrittura bil-Lm500 fil-gimgha mill-1 ta' Gunju 1999 (data meta l-konvenut kellu jlesti x-xoghol) sad-data ta' meta gie inkarigat kuntrattur gdid mis-socjeta' attrici, fl-ammont ta' euro hamsa u ghoxrin elf u sitt mija u tletin (€25630) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma.

Tichad it-talba ghall-likwidazzjoni u kundanna hlas ta' danni dwar l-eccess bejn il-prezz tax-xogholijiet kif miftiehem mal-konvenut u l-prezz tax-xoghol kif miftiehem mal-kuntrattur il-gdid.

In konkluzjoni u bhala ri-assunt it-talbiet attrici qed jigu akkolti u michuda, u l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed ukoll jigi akkolti u michuda kompatibilment ma dak li ntqal fil-korp tas-sentenza u ma dak li ghadu kemm gie deciz.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut kwantu ghal zewg terzi (2/3) u r-rimanenti terz (1/3) mis-socjeta' attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------